MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 135/2008

**Angelo Carabott**

**vs**

**Saviour Mifsud u Maria Assunta sive Marie Mifsud kemm personalment kif ukoll bhala diretturi ta` ACE Shipping Limited (C12526) a nom u in rappresentanza ta` l-istess**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Ikkunsidrat li l-mandat ta` inibizzjoni Nru 1546/06 GCD gie prezentat fid-19 ta` Ottubru, 2006 u milqugh fl-istess jum.

Kif jidher mill-atti ta` l-istess mandat ta` inibizzjoni, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u r-Registru tal-Artijiet gew notifikati bir-rikors u d-digriet dakinhar stess. Mhux l-istess jista` jinghad ghall-intimati Saviour u Maria Assunta Mifsud. Ir-rikorrent odjern Carmelo Carabott jikkontendi li l-istess intimati kienu jafu b`dan il-mandat, tant li ezentaw lin-nutar milli jaghmel ricerki relatati mal-proprjeta` in kwistjoni.

Dan fil-fehma tal-Qorti, *non sequitur.*

In vista tan-natura penali tal-procedura ghad-disprezz, il-Qorti trid tkun kawta f`dikjarazzjoni, anki prima facie, ta` elementi li jistghu jikkostitwixxu disprezz.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-rikors.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------